MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 759/2009

**Massimo Cremona**

**vs**

**Gillian Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf Euro (€1,000), rapprezentanti flus li gew moghtija lilha permezz ta' cekk tal-Bank APS Bank Malta Ltd. Bin-numru 260 fil-21 ta' Mejju, 2009.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf Euro (€1,000), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------